MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 25/2012

**Chris Portelli**
**[ID. Nru. 487894M]**

**Vs**

**Adrian Debono [ID. Nru. 5862M] u**
**Martha Debono [ID. Nru. 403063M]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elfejn u hamsa u sebghin euro [€2,075] u dan wara li ppremetta hekk:

Illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta' elfejn u hamsa u sebghin euro (€2075) rapprezentanti arretrati ta' kera dovuti lill-attur wara kirja li ntemmet f'Novembru, 2011;

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri tal-25 ta’ Mejju, 2011 u tal-31 ta’ Ottubru 2011 u tat-12 ta’ Novembru 2011, bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-12 ta’ Novembru, 2011 sad-data tal-pagament effettivu bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-riferti relattivi u li permezz taghhom irrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikati bit-talba u l-avviz tas-smiegh fis-26 ta’ Jannar, 2012.

Ra li fis-seduta tat-28 ta’ Frar, 2012 il-konvenuta dehret quddiem it-Tribunal u f’isimha proprju u f’isem zewgha Adrian Debono ammettiet it-talba attrici u ddikjarat li hija u zewgha kellhom jaghtu lill-attur is-somma ta’ €2075 rapprezentanti arretrati ta’ kera fuq il-fond Flat 2, Francis Flats, Triq l-Isqof Caruana, Msida.

Ra li t-Tribunal nforma lill-konvenuta li hija kellha dritt li tkun assistita minn Avukat, izda hi nfurmat lill-istess Tribunal li hi u zewgha qeghdin jaqblu ma’ l-ammont mitlub u jafu li ghandhom jaghtu s-somma mitluba u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jitqabbad avukat.

Ra li d-difensur ta’ l-attur, in vista ta’ din l-ammissjoni, talab li t-Tribunal jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa’.

Ra l-atti u semgha lill-konvenuta tammetti t-talbiet attrici kemm f’isimha proprio u kemm f’isem zewgha;

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jghid li l-kawza giet ppruvata u li l-ammont dovut, u li ghandu jithallas mill-konvenuti lill-attur huwa ta’ elfejn u hamsa u sebghin euro (€2,075).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi in vista ta’ l-ammissjoni tal-konvenuti, jilqa t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti

jhallsu lill-attur is-somma ta’ elfejn u hamsa u sebghin euro (€2,075) bl-imghaxijiet skond il-ligi fuq dan l-ammont li ghandhom jibdew jidekorru kif mitlub u cioe mit-12 ta’ Novembru, 2011.

L-ispejjez kollha, in vista ta’ l-ammissjoni tal-konvenuti, ghandhom ikunu sopportati fl-intier taghhom mill-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------